**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju, 2016**

Kawza Numru:739/2013YMS

Numru: 3

**Top Drawer Limited (C22067)**

***vs***

**Matthew Portelli (K.I.: 541684M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-18 ta' Novembru 2013 li permezz tieghu s-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn, disa' mija u tmienja u sebghin euro (€2,978) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol u servizzi rezi fuq inkarigu tal-Konvenut li ghad irid jigi esegwit skond ftehim bejn il-partijiet liema esekuzzjoni giet sospiza minhabba xoghol relatat li kien qieghed isir minn terzi;

Ra l-Avviz tas-Smiegh fejn il-kawza giet appuntata ghas-seduta tal-4 ta' Frar 2014 (a fol 3);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat (a fol 5) laqa' ghal din il-kawza billi nhar id-19 ta' Dicembru 2013 ipprezenta risposta fejn eccepixxa dan li gej:

1. Illi t-talba hija preskritta *ai termini* tal-Art. 2149(a) tal-Kap. 16;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mhuwiex dovut stante li x-xoghol u s-servizi li ghalihom l-Attur qieghed jippretendi hlas ma gewx rezi lill-Konvenut, u dank if jghid l-Attur stess fit-talba tieghu;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-Kontro-talba prezentata kontestwalment fejn il-Konvenut, prevja li ppremetta li kien hallas is-somma ta' disa' mija u hamsa u sebghin euro (€975) lis-Socjeta Attrici bhala depozitu ghal xoghol u servizzi li ma gewx rezi, talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lis-Socjeta Attrici rikonvenzjonata thallas is-somma €975 lill-Konvenut rikonvenzjonant;

Ra li s-Socjeta Attrici rikonvenzjonata, debitament notifikata bl-atti tal-kontro-talba (a fol 10) laqghet ghal din il-kontro-talba billi nhar it-8 ta' Jannar 2014 ipprezentat risposta fejn eccepiet li s-somma ta' €975 mhijiex dovuta u tifforma parti minn somma akbar li s-Socjeta Attrici rikonvenzjonata ghandha tiehu minghand il-Konvenut rikonvenzjonant;

Ra s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal, diversament presedut, nhar il-11 ta' Frar 2015 (a fol 55) fejn cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ordna l-prosegwiment tal-kawza fil-waqt li rrizerva d-decizjoni dwar l-ispejjez ghas-sentenza finali;

Ra s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-3 ta' Gunju 2016 fuq appell tal-Konvenut fejn il-Qorti imsemmija cahdet l-appell u rrinvjat l-atti lil dan it-Tribunal sabiex jissokta bis-smiegh tal-kawza;

Ra li fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2016 (a fol 65) giet awtorizzata korrezzjoni mitluba mis-Socjeta Attrici fis-sens li rriduciet it-talba minn €2,978 ghal elfejn u hames mitt euro (€2,500) inkluz il-VAT liema somma hija mahduma netta mill-ispejjez tal-istallazzjoni;

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi bil-kawza odjerna s-Socjeta Attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' €2,500 inkluz il-VAT liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz ta' xoghol u servizzi rezi fuq inkarigu tal-Konvenut. Jidher li minhabba xi tahdidiet li kien hemm bejn il-partijiet, tali xogholijiet ma gewx kompletati biex imbaghad il-Konvenut tilef l-interess fihom. Sorvolata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, it-Tribunal ghandu quddiemu eccezzjoni wahda fil-mertu li tghid li l-ammont pretiz mhuwiex dovut stante li x-xoghol u s-servizzi li ghalihom l-Attur qieghed jippretendi hlas ma gewx rezi. L-istess Konvenut ipprezenta kontro-talba li permezz taghha qed jitlob ir-rifuzjoni ta' depozitu imhallas akkont fis-somma ta' €975. Is-Socjeta Attrici rikonvenzjonata tghid li din is-somma tifforma parti minn somma akbar li s-Socjeta Attrici rikonvenzjonata ghandha tiehu minghand il-Konvenut rikonvenzjonant.

Mill-provi jirrizulta li l-Konvenut kien ordna xi xoghol ta' aperturi fl-injam f'Marzu tal-2010. Fil-fatt, il-Konvenut meta xehed ipprezenta stima li kien ircieva minn fejn kien jirrizulta li l-prezz tax-xoghol kellu jkun ta' €3,250 oltre l-VAT. Hu jghid (a fol 15A) li minn din is-somma hallas akkont is-somma ta' €975 – fatt li jixhed l-accettazzjoni tieghu. Jirrizulta mill-assjem tal-provi li dan ix-xoghol ma twahhalx sakemm mas-sentejn wara, rapprezentant tas-Socjeta Attrici avvicina lill-Konvenut sabiex jinstallaw. Jidher li l-Konvenut wiegeb li l-post fejn kellhom jigu installati l-aperturi ma kienx ghadu proprjeta tieghu kif ukoll li mhux sew li jmorru jinstallaw wara trapass ta' tant zmien. In sostenn tal-fatt li l-post inbiegh, gie prezentat kuntratt (a fol 27). Ray Borg, li kien hadem fl-istess post xehed (a fol 36) u stqarr li l-mastrudaxxa li kellu jaghmel l-aperturi (u cjoe s-Socjeta Attrici) ma setax jahdem fl-istess zmien peress li "*kien hemm genn ta' hafna haddiema fl-istess hin*." Ir-rapprezentanti tas-Socjeta Attrici Adrian Bartolo u Miguel Degiorgio xehedu (a fol 46) li ghad li x-xoghol kien

lest, huma ma setghux jintstallaw u kellhom jissejjhu mill-kommittent fil-mument opportun. Sussegwentement, indunaw li l-fond sar ufficcju tal-posta. Degiorgio xehed ukoll (a fol 66) li l-prezz pattwit kien jinkludu d-drittijiet tal-istallazzjoni li hu jistmahom madwar €360, inkluz il-VAT. Dan l-ammont ma gie bl-ebda mod ikkontestat.

Ikkunsidra;

Illi fil-fehma tat-Tribunal bejn il-kontendenti hemm relazzjoni ta’ appalt. Minn ezami tal-provi jidher li l-vertenza odjerna zviluppat meta l-Konvenut biegh il-fond fejn kellhom jigu installati l-aperturi minnu ordnati u ghalhekk ma kienx ghad kellu bzonn l-aperturi. Fil-fehma tat-Tribunal, din mhijiex raguni bizzejjed biex l-appalt jigi xjolt. Ghalhekk, it-talba attrici se tintlaqa’, prevja li tigi michuda l-eccezzjoni li jifdal.

Illi dan madankollu jgibna sabiex inqisu jekk l-ammont reklamat huwiex misthoqq jew le. Skond l-istima (a fol 17) il-valur tal-appalt – kif miftiehem bejn il-kontendenti – huwa ta’ €3,250 oltre l-VAT li jammonta ghal €585 u li flimkien jaghmlu €3,835. Minn din is-somma, skond ma xehed Degiorgio, is-somma ta’ €360, (inkluz il-VAT) tirraprezenta drittijiet tal-istallazzjoni, xi haga li qatt ma saret u li kwindi s-Socjeta Attrici mghandhiex tithallas taghha. Imnaqqsa tali somma jibqa’ bilanc ta’ €3,475. Issa skond ma xehed il-Konvenut, dan ghamel depozitu akkont ta’ €975 (liema somma qed tigi reklamata permezz tal-kontro-talba). Imnaqqsa tali somma jibqa’ bilanc favur is-Socjeta Attrici ta’ €2,500 – liema cifra taqbel mal-ammont reklamat wara r-riduzzjoni fuq imsemmija. Isegwi ghalhekk li t-talba attrici hija misthoqqa u l-Konvenut se jigi kkundannat ihallas din is-somma;

Ikkunsidra;

Sorvolata l-azzjoni principali jmiss li tigi kunsidrata l-kontro-talba. Kif gja nghad din tirrigwarda s-somma ta’ €975 mhallsa bhala depozitu akkont lis-Socjeta Attrici rikonvenzjonata. Gjaladarba l-Konvenut huwa responsabbli ghall-hlas tal-appalt, mhemm lok ghall-ebda rifuzjoni u ghalhekk l-eccezzjoni tas-Socjeta Attrici rikonvenzjonata se tigi akkolta fil-waqt li l-kontro-talba se tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi l-kawza billi fir-rigward tal-azzjoni principali, prevja li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni stante li deciza, jichad l-eccezzjoni li jifdal tal-Konvenut, jilqa’ t-talba attrici ghas-somma kif ridotta ta’ €2,500 u jikkundanna lill-Konvenut ihallas din is-somma lis-Socjeta Attrici fil-waqt li fir-rigward tal-azzjoni rikonvenzjonali, jilqa’ l-eccezzjoni tas-Socjeta Attrici rikonvenzjonata u konsegwentement jichad it-talba rikonvenzjonali. L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*